MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 569/2008

**Vodafone Malta Limited**
**(C-10865)**

**Vs**

**Mark Cauchi**
**(ID-513793 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta` Lulju, 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u disghin euro, tmintax il-centezmu (Euro896.18c), rapprezentanti prezz ta` servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenut in konnessjoni ma` mobile numru 9920 2397.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u kif ukoll ta` mandat ta` qbid gia` pprezentat u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta` meta l-ammont kien dovut sal-pagament

effettiv ghas-saldu kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-10 ta` Ottubru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro896.18c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------